KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 – IL-ĦAMIS 12 TA' MARZU 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 23.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

23.1.1 Ma kienx hemm.

## 23.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

23.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (23) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Mario Fenech issekonda.

23.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.



Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 23.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

23.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras reġa irrimarka dwar il-proġett ta' Triq Karmenu Vassallo fejn stqarr li l-Perit tal-Aġenzija Infrastructure Malta ma reġax kellem lura lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet. Fakkar li hemm *issues* dwar ir-ramep tal-garages eżistenti li għad iridu jiġu ndirizzati u fejn is-Sindku saħaq li qabel ma jibdew ix-xogħlijiet infrastrutturali, jeħtieġ li niltaqgħu madwar mejda biex nassiguraw li nkunu tkellimna mar-residenti partikolarment mar-residenti li għandhom semi-basement garages fl-imsemmija triq. Ċertament li l-*upgrade* propost fit-tibdil tas-servizzi, bankini ġodda u l-asfalt mill-ġdid għandu jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna. Is-Sindku ikkonkluda li ser isejjaħ laqgħa mall-Perit tal-Aġenzija IM.

23.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li ser tinżamm laqgħa ma' Project Green skedata għal nhar it-18 ta' Marzu dwar il-proġett propost ta' Ġnien fl-Iklin dwar aktar żviluppi fuq dan il-proġett.

23.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa dwar il-laqgħa li nżammet fi Brussell nhar is-26 ta' Frar dwar il-petizzjoni 0832/2025 'a petition for the EU on nuisances caused by an asphalt processing facility in a residential area in Malta' li kien issottometta flimkien mall-Kunsilli ġirien. Informa li l-petizzjoni nżammet miftuħa u l-Bord tal-Petizzjonijiet kien ser jikteb uffiċċjalment lill-awtoritajiet Maltin. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill għamel il-parti tiegħu fejn wassal il-vuċi tiegħu b'responsabbiltà għan-nom tar-residenti tagħna. Issa nistennew l-eżitu mic-*chairman* tal-Kumitat tal-Petizzjonijiet fi ħdan il-Parlament Ewropew.

23.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras reġa irrimarka dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin bl-iskossi mill-WSC biex tiġi riżolta d-diffikultà tal-overflow tad-drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos. Minkejja li saru diversi *chasers*, jidher li ma wasalniex. Is-Sindku ser jitlob laqgħa fl-immedjat.

## 23.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

23.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-18 ta' Frar u l-10 ta' Marzu 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (18 February - 10 March 2026)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 52 | 18/02/2026 | Refreshing of road markings opp 68 Triq Ġ Galea field entrance | settled | Triq Ġ Galea | **Council** |
| 53 | 23/02/2026 | Ilment li Triq Dwardu Cachia ma' tinkinisx | settled | Triq Dwardu Cachia | **Cleansing** |
| 54 | 24/02/2026 | Ilment li Triq AM Galea m'hiex tinkines | settled | Triq Alfons Maria Galea | **Cleansing** |
| 55 | 24/02/2026 | Talba biex quddiem żewg egħlieqi fi Triq Richard Taylor issir 'Keep Clear bay' għax hemm cat feeder u shelter tagħhom għamluha ġo parking bay u l-vetturi qed jipparkjaw 'il barra u qed jostakolaw parti mid-daħla tal-għalqa. | pending | Triq Richard Taylor | **Council** |
| 56 | 25/02/2026 | Fi Triq il-Mużika hemm MC bay u dan ir-resident qed jitlob biex minflok issir 'keep clear bay' għax huwa għandu 2 scooters u jipparkjahom fid-daħla tar-residenza tiegħu. Qed isib problema meta joħroġhom għax fuq MC ikun hemm muturi oħra. Jitlob ukoll biex l-MC titressaq | pending | Triq il-Mużika | **Council** |
| 57 | 27/02/2026 | Doggy bins qed ikunu mimlijin bil-boroż tal-iskart fi Triq A M Caruana | settled | Triq A M Caruana | **Council** |
| 58 | 09/03/2026 | Resident minn Triq il-Wied qed jilmenta li meta jiġbru l-ħġieġ, il-kontenitur m'huwiex iħalluh quddiem id-dar tiegħu, iżda f'post ieħor | closed | Triq il-Wied | **Contractor** |
| 59 | 05/03/2026 | Il-ġnien ta' Triq Dott Pawlu Grech jinsab bla dawl, u jinsab fi stat ta' abbandun bil-ħmieġ u l-ħaxix li hemm | settled | Triq Dott. Pawlu Grech | **Council** |
| 60 | 05/03/2026 | Talba għal bozza fi Triq Ġ Bonnici għax hemm parti mit-triq veru mudlama | pending | Triq Ġ Bonnici | **Council** |
| 61 | 05/03/2026 | Talba biex isiru xi pjanċi fil-ġnub fejn traffic lights ta' Lotto Office fi Triq Dun Karm għax bix-xita jaħsluk il-vetturi | pending | Triq Dun Karm | **Council** |
| 62 | 06/03/2026 | Talba biex il-cat feeder fi Triq R Taylor jiġi rilokat għax ħareġ 'il barra bil-ġebel fil- parkeġġ | pending | Triq Richard Taylor | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 63 | 06/03/2026 | Talba biex il-cat feeder fi Triq R Taylor jiġi rilokat għax anke tiġieġ mill-għalqa joħorġu għall-ikel u veru jkerrah l-ambjent | pending | Triq Richard Taylor | **Council** |
| 64 | 10/03/2026 | (2) Pick-up vans ipparkjati fin-nofs fi Triq Ġ Bonnici kif iddur minn Triq Dun Karm | pending | Triq Ġ Bonnici | **Council** |
| 65 | 10/03/2026 | Talba biex jinqatgħu arbuxelli minn fuq bankina fi Triq F Borg | pending | Triq F Borg | **Council** |

## 23.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

23.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar il-possibiltà ta' reviżjoni fl-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq Patri Marjanu Vella. Dan wara li f'seduti preċedenti kien qam il-punt dwar il-possibiltà li jiżdiedu xi parkeġġi peress li d-diffikultà tal-parkeġġ hija waħda akuta u għaldaqstant tajjeb li wieħed jikkunsidra reviżjoni fl-immaniġġjar tat-traffiku eżistenti. Il-Kunsillier kompla billi qal li wara li kien tkellem ma' xi resident taż-żona, staqsa jekk il-Kunsill ikunx jista jikkunsidra li Triq Patri Marjanu Vella tiġi disinjata one-way traffic minn two-way traffic peress li tintuża one-way u cioè one-way 'il fuq. Jekk il-Kunsill jikkunsidra reviżjoni, it-talba għal żieda ta' parkeġġi tkun potenzjalment aċċettabbli.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li huwa jemmen li biex tittieħed l-aħjar deċiżjoni, irid isir studju xjentifiku *evidence based* biex id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun waħda ibbażata fuq studju. Nitkellmu mall-Konsulenti tal-Kunsill u nitolbu kwotazzjoni biex isir *traffic count survey*.

23.5.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jikkunsidrax jikkummissjona espert tat-traffiku biex isir studju ħolistiku tal-immaniġġjar tat-traffiku tal-Iklin kollu wara diskussjoni wiesgħa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq Ġużè Bonnici ma' Triq Dun Karm.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill irid ikun ferm kawt għaliex tista toħloq *discontent* mall-komunità tal-Iklin. Is-Sindku jaqbel fil-prinċipju li jsir studju ħolistiku billi l-Kunsill jikkummissjona espert privat però magħha hemm marbuta spiża li l-Kunsill irid jara x'inhi qabel mal-istess Kunsill imur għal dan il-pjan.

23.5.3 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel l-aħħar tentattiv mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex issir laqgħa ma' Uffiċċjal għoli fi TM dwar l-immaniġġjar tat-traffiku li ġie approvat fis-sena 2023 biex naraw li jiġi mplimentat. Sintendi jekk hemm lok għal ameljorament billi jiżdiedu l-ispazjii tal-parkeġġ, ikun tajjeb għar-residenti tagħna.

Is-Sindku wieġeb li ma jsib l-ebda diffikultà biex niltaqgħu madwar mejda biex naslu. Is-Sindku jistenna rieda tajba minn TM u jekk il-kontro-proposta li saret mir-residenti dwar l-immaniġġjar tat-traffiku approvat, bl-ideja li jiżdied il-parkeġġ tingħata spjegazzjoni għaliex din it-talba ma tistax tintlaqa, allura ma jkunx hemm triq oħra ħlief li jiġi mplimentat l-immaniġġjar tat-traffiku kif approvat minn TM. Però tal-inqas isma t-talba tal-Kunsill u mhux għal raġunijiet li l-Kunsill sallum ma jafx għaliex, l-Uffiċċjal responsabbli ma jridx jiltaqa' mall-Kunsill.

## 23.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

23.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

23.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 23.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

23.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

23.7.2 Applikazzjoni PA 08139/25 – 93/93A, Triq Geronimo Abos, Iklin '1) To sanction the property as existing from PB2818/89. 2) Minor internal alterations at ground floor level including the installation of a lift. 3)Demolition of existing first floor and washroom.4) Construction of three (3) overlying apartments and a penthouse at receded floor level.

23.7.3 Applikazzjoni PA 06368/25 - 37, Triq Geronimo Abos, Iklin 'Change of use from existing terrace house to Class 4A and Class 4B and construction of two overlying apartments.

23.7.4 Applikazzjoni PA 00814/28 - No.10 and No.12, Triq Ġuzeppi Calleja, Iklin 'To subdivide the existing Class 4B shop approved under permit PA4789/15 into two separate Class 4B shops. The proposal also includes the installation of a sign and the sanctioning of an aluminum door and a louvered aluminium screen.

## 23.8 AĠĠORNAMENT DWAR PETIZZJONI NRU. 0832/2025 'A PETITION FOR THE EU ON NUISANCES CAUSED BY AN ASPHALT PROCESSING FACILITY IN A RESIDENTIAL AREA IN MALTA

23.8.1 Is-Sindku Dott Sciberras fetaħ id-diskussjoni billi qal li x-xhar ta' Frar kienet ikkaratterizzata minn laqgħa importanti fi Brussell preċiżament nhar is-26 ta' Frar fejn il-Kunsill ġie msejjaħ mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet biex jagħmel rappreżentazzjoni. B'sodisfazzjon, is-Sindku qal li c-chairman tal-Bord Bogdan Rzonca kien ser ikompli jeżamina din il-petizzjoni, filwaqt li ġiet ikkunsidrata l-informazzjoni bil-miktub u dik orali pprovduta mis-Sindku u minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea.

Wara d-diskussjoni, il-Kumitat iddeċieda li jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi aktar informazzjoni u aġġornata dwar id-diversi aspetti tal-kwistjoni.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iddeċieda wkoll li jirreferi l-petizzjoni tal-Kunsill lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti f'Malta, jiġifieri l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Fl-aħħarnett is-Sindku irringrazzja pubblikament lill-Onor. MEP Dott Alex Agius Saliba u lill-Onor. MEP Dott Peter Agius tal-interventi tagħhom a favur il-Kunsill Lokali L-Iklin u l-Kunsilli ġirien f'din il-kwistjoni.

## 23.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ ANTON BUTTIGIEG

23.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill reġa kkomunika mall-Perit Vella Lenicker mill-Public Works biex naraw kienx hemm aktar żviluppi dwar il-proġett li ilna naħdmu għalih għal dawn l-aħħar tliet snin. Is-Sindku semma li fil-korrispondenza tal-25 ta' Novembru 2025, wara diskussjonijiet interni, ġew diskussi alternattivi oħra minħabba l-issue tas-siġar eżistenti għad-disinn tax-xogħlijiet u kien ġie deċiż li l-proġett ser jgħaddi lill-Community Projects Division (CPD) fi ħdan MTIP. Barra minn hekk, kien deċiż li jsir survey dettaljat mis-Surveying Team biex id-disinn strutturali jiġi ppreparat mill-inġiniera u malli jkun finalizzat, tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permess l neċessarji u l-clearance mill-awtoritajiet konċernati.

23.9.2 Fil-korrispondenza tal-5 ta' Marzu 2026, il-Kunsill ġie avżat li t-tim tal-istħarriġ CPD wettaq l-istħarriġ tal-ħajt u l-inħawi tiegħu u ħejja d-disinni rilevanti. B'konsultazzjoni mal-Inġinier Strutturali ta' CPD, tħejja disinn propost għall-ħajt il-ġdid. Il-proċess kien ikkumplikat ferm mir-rifjut li tiġi kkunsidrata t-tneħħija u/jew it-trapjant tas-siġar eżistenti, minkejja l-fatt li l-imsemmija siġar (speċjalment il-ficus nitida) huma direttament responsabbli għall-falliment tal-ħajt.

Ġejna infurmati li jinsabu fil-proċess li jikkonsultaw ma' Messrs. EneMalta biex jikkonfermaw jekk id-disinn propost (inkluż it-trinka tal-cables) jissodisfax ir-rekwiżiti tagħhom sabiex tiġi permessa r-rilokazzjoni tal-cables overhead għal trinka tal-cables mibnija apposta. Il-cables jgħaddu minn taħt it-taraġ u jitilgħu vertikalment sal-arblu l-ġdid li diġà ġie installat minn EneMalta. Dan il-pass huwa kruċjali peress li mhux se jitħallew isiru xogħlijiet ċivili fuq il-ħajt sakemm il-cables overhead eżistenti (ħajjin) u l-arblu bil-ħsara li fuqu huma mmuntati ma jitneħħew l-ewwel.

Jinsabu wkoll fil-proċess li jfittxu l-kunsens tal-ippjanar għax-xogħlijiet kif propost. Is-Sindku għadda d-disinn mgħoddi mill-Perit lill-Kunsill a sodisfazzjon tal-Kunsillieri.

## 23.10 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TA' WESGĦA J.B. SCICLUNA

23.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Uffiċċju kien qiegħed f'kuntatt mal-iskultur biex isegwi l-proċess tal-proġett. Is-Sindku żied jgħid li issa li l-iskultur għandu l-materjal f'idejh inkluż ix-xiri ta' (20) kantun għall-ħidma tal-pedestal. Infurmat ukoll li wara l-Festi tal-Għid, l-iskultur Joseph Micallef ser jibda jiżmarra x-xbieha tal-Madonna li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja skont l-abbozz li kien tħejja mill-istess artist u li ġie approvat mill-Kunsill.

Is-Sindku ikkonkluda li se nkunu qed naħdmu wkoll fuq l-abellixximent ta' Wesgħa J.B.Scicluna biex issir applikazzjoni mall-Public Works għax-xogħlijiet ta' titjib u tisbiħ ta' din il-Wesgħa.

Preżentement, il-Perit assenjat mall-Kunsill ħadem fuq il-proċessi amministrattivi u l-Uffiċċju jinsab fl-istadju li jissottometti applikazzjoni lill-Public Works għall-fondi ta' titjib u tisbiħ issa li l-Kunsill għandu f'idejh il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti segwenti tal-Kunsill.

## 23.11 AĠĠORNAMENT DWAR L-EDIZZJONI FESTA FJURI – 16 TA' MEJJU 2026

23.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-Uffiċċju kien għaddej b'ritmu tajjeb dwar l-edizzjoni ta' din is-sena. It-tema magħżula għall-Festa Fjuri 2026 hija 'In-natura iġġib il-ferħ u l-ħajja'.

23.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li tħejja qafas tal-attività fejn waħda mill-idejat il-ġodda ta' din l-edizzjoni se tkun 'Garden installation' fi Pjazza Ninu Cremona kif kien deċiż mill-Kunsill f'waħda mis-seduti preċedenti.

Fil-preżent qed jiġu avviċinati numru ta' stakeholders biex ikunu parteċipi waqt din l-edizzjoni. Sallum kienu kkonfermati Project Green, Ambjent Malta, Community Police Team, Core Green, u d-Dar tal-Providenza.

Is-Sindku informa li ħarġet Sejħa għall-bejjiegħa tal-Fjuri, Sejħa għall-Artisti, u Sejħa għall-Artiġjanali. Id-deadline biex wieħed ikun jista japplika ġiet stabbilita d-data tat-30 ta' April.

Is-Sindku għamel riferenza għall-iskema ta' Finanzjament li nieda d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy fejn il-Kunsill se jkun qed japplika taħt l-iskema SPI/SCI/01/2026 Finanzjament għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2026. Din il-korrispondenza waslet lill-Uffiċċju nhar il-11 ta' Marzu fejn hemm iċ-Ċirkolari u magħha l-applikazzjoni.

Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier responsabbli mill-Kultura, is-Sa Mary Grace Gusman biex tissekonda l-mozzjoni biex japprova l-attività taħt l-iskema SPI/SCI/01/2026 u fejn il-Kunsill ikun dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus għal din l-attività.

23.11.3 Il-Kunsill approva unanimament li japplika għal din l-iskema u jawtorizza l-kontribuzzjoni tal-Kunsill għal din l-edizzjoni Festa Fjuri 2026. Il-Kunsill huwa f'qagħda finanzjarja tajba biex itella din l-attività kulturali annwali.

## 23.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

23.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 16 ta' April 2026 fil-5.30 pm.

23.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 16 ta' April 2026 fil-5.30 pm.

23.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.35 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv